MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Numru 577/2014

**Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Carmelo Frendo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carmelo Frendo ta' 37 sena, bin Alfred u Carmela nee' Camilleri, imwieled Pieta' fit-28 t' April,

1976, residenti fil-fond ‘Dar Niki Cassar’ Triq San Pawl Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 288676(M)

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer f’ Dicembru 2011 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti l ikisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

1. Talli rcieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li nghatat, lilu jew lil ohrajn, b’ korrispettiv ghal xi servizz li kien jikkonsisti f’ xi beneficcju iehor ta’ liema xorta kien, imghaxxijiet jew xi qliegh iehor that liema ghamla kien b’ eccess minn dak li hu permess bil-ligi jew li kien xort’ ohra sproporzjonat b’ mod grossolan mas-servizz moghti;

2. U aktar talli minkejja li ma kienx komplici fir-reat ta’ uzura, indahal sabiex jipprokura ghal persuna ohra ammont ta’ flus jew xi beneficcju iehor billi gieghel persuna taghti jew twieghed li taghti, lilu stess jew lil ohrajn, minhabba fl-indhil tieghu, kumpens sproporzjonat grossolan.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Settembru, 2014 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-14 ta’ Novembru, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza

‘l iktar piena idoneja tkun Ordni ta’ Probation fejn l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex ikompli jeghleb il-problema tal-loghob.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 249C (2) u (3) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggi lil imputat taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tmintax (18) –il xahar millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------